**Ms. Claire Amato**

It-3 Sena Primarja **S3.3 IL-ĦWIENET – DARI U LLUM**

**Worksheet**

**S3.3.4**
Inqabblu l-attivitajiet fil-ħwienet antiki mal-attivitajiet li jsiru fil-ħwienet tal-lum

A. **Ħares lejn l-istampi, aqra u iddiskuti.**

**Jekk tikellem mal-anzjani dwar id-differenzi bejn il-ħajja fl-antik u l-ħajja tal-lum, żgur li jsemmulek it-tibdil fil-ħwienet u fix-xiri.**

**Xi ftit mid-differenzi huma dawn:**

1. **Il-flus**






Fil-passat f'Malta kienet tintuża **l-lira Maltija**.

Illum il-ġurnata nużaw **l-ewro**.



Ms. Claire Amato

2. <u>Il-kont</u>



X'ħin tasal biex tħallas, dari kienu jagħtuk **kont miktub bl-idejn** fuq biċċa karta.

Illum il-kont jinħareġ mill-***cash register***.

3. <u>Il-prezz</u>




Fl-antik, kont trid **tistaqsi lill-bejjiegħ** biex tkun taf il-prezz tal-oġġett li tixtieq tixtri.

Illum issib **il-prezz immarkat** fuq kull oġġett li tixtri.

4. **Il-ħażna tal-prodotti**



Minħabba li fil-passat in-nies ma kellhomx friġġ u friża, kien ikollhom jixtru **mil-lum għal-lum**. Illum nagħmlu xirjiet kbar u **naħżnu l-prodotti** anke għal xhur sħaħ. Għalkemm in-nies m'għadhomx jixtru l-prodotti ta' kuljum, xorta waħda jridu joqogħdu attenti għad-**data tal-iskadenza** li nsibu fuq kull prodott.

Ms. Claire Amato

B. Ikteb Dari jew Illum

1. Katarina xtrat żarbun li jiswa ħamsin ewro. ___________
2. Emma kitbet il-kontijiet bil-lapes. ____________
3. Rożanna xtrat pakkett zalzett mis-supermarkit. ____________
4. Ġorġ nefaq għaxar liri Maltin. _____________
5. Wenzu mar sal-ħanut tax-xorb u ħallas nofs lira għal kikkra te.
6. Liana ċċekkjat il-kont li ħareġ mill-*cash register*. _______________

**Ċ. Qabbel ir-ritratt antik mar-ritratt modern**

**eż. il-ħanut tal-ġojjellerija fl-antik mal-ħanut tal-ġojjellerija tal-lum**

1.







2.









